**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Pubblika Nru. 02/21**

**Data:** It-Tnejn, 22 ta' Frar 2021
**Ħin:** 5:45pm
**Post:** *Microsoft teams Application*

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela- Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

Numru ta' residenti 2

## AĠENDA

**02.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**02.02** **Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera;**
**02.03** **Intervent mill-pubbliku;**
**02.04** **Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-*Financial Statements*;**
**02.05** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**02.06** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**02. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li Abela ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet personali. | |

**02. 2.** **Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 11/21 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**02. 2.** **Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 2 1 | | | Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ippreżentaw fil-qosor il-ħidma matul is-sena 2020. Huma irringrazzjaw lis-segretarju eżekuttiv u lill-ħaddiema tal-kunsill kif ukoll lil dawk kollha li jgħinu fil-ħidma tagħhom. | |
| 02. 2 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-perit De Noto dwar il-pelican lights u l-anti skid surface li għandhom isiru fi Triq il-President Anton Buttiġieġ. | |
| 02. 2 3 | | Sindku: Ftehim ma' Notebook centre | Is-Sindku qalet li qed jiġi suġġerit minn naħa tal-kumpanija Notebook centre sabiex jiġi offrut servizz lir-residenti u impjegati. Għal dan irid isir ħlas ta' €5000 li dan ġie approvat unanimament. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 2 | 4 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mill-kumpanija GSE Technologies sabiex isir *outdoor furniture* interrattiv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Fenech qalet li konna tlabna biex ikollna iktar żoni ta' WIFI b'xejn u dan għadu mhux konkluż. | |
| 02. | 2 | 5 | | Caruana Ray: Fanali | Ġie diskuss il-bdil tal-fanali li hemm fi Triq il-25 ta' Novembru quddiem il-bank peress li dawn jinsabu fi stat ħażin ħafna. Ma kinx hemm deċizzjoni finali dwar dan. | |
| 02. | 2 | 6 | | Caruana Ray: Triq Luqa Briffa | Caruana qal li għandha tinstab soluzzjoni għax din saret triq perikoluża speċjalment waqt il-ħinijiet tal-iskola. Ma kinx hemm deċiżżjoni finali dwar dan. | |
| 02. | 2 | 7 | 12.2.3 | Sindku | Tiżdied ż-żona ta' Ganza. | |
| 02. | 2 | 8 | 12.03.07 | Sindku | Tiżdied li għandu jsir bank li jissimbolizza dak il-bini partikolari. | |

| **02** | **3** | | | **Intervent mill-pubbliku;** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02 | 3 | 1 | | | Is-Sur Gerada irringrazzja lill-kunsill għall-ħidma tiegħu. Irrefera għall-Triq l-Isqof Emmanuel Galea. Is-Sindku wieġbet li tlabna lil TM u bagħtna r-residenti dwar din id-deċiżżjoni. Is-Sur George Grima irringrazzja lill-kunsill għal ħidma li jwettaq minkejja d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom fosthom il-finanzi limitati. | |

| **02.** | **7.** | | | ***Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Financial Statements;*** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Huwa qal li wieħed għandu jinnota żieda sostanzjali fl-ispejjes u nuqqas ta' dħul mill-permessi. | Segretarju Eżekuttiv |

| **02.** | **11.** | | | **Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Financial Statements;** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | L-*Accountant* preżentat l-*accounts* għas-sena 2020 fejn tat rendikont dettaljat tad-dħul u l-ħruġ tal-kunsill. Dawn ġew approvati nem.con | |

| **02.** | **12.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02. | 12. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 12. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 02/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 12. | 3 | | *Petty Cash* - Jannar 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal € | Segretarju Eżekuttiv |

| **02** | **13** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:15pm pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv